# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Ottubru 2014

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-Mulej jagħti paċi lil dawk in-naħat tad-dinja mifluġin bil-gwerra u bil-vjolenza.**




## Ninġabar:

Komdu bilqiegħda, bil-kalma kollha, nieħu nifs 'il ġewwa u ieħor 'il barra. Nagħraf li Alla qiegħed miegħi. Hu għamel dinja l-ġmiel tagħha.

Nieħu nifs 'il ġewwa u ieħor 'il barra, bil-kalma kollha. Alla qiegħed miegħi. Inħossni viċin tiegħu.

Niftakar li ħafna nies ta' kull kulur, ilsien, razza u pajjiż, ifittxu d-dawl mill-Mulej u jitolbu għall-paċi fid-dinja tagħna.

## Fatt ċkejken:

Kien lejl li jkexkxek. Il-bombi kienu jidhru fis-sema bħal leħħa ta' berqa u niżlin fl-inħawi fejn kien joqgħod Ġwanni, tfajjel ċkejken. Il-ħsejjes kienu jweġġgħulek widnejk. L-isplużjonijiet kienu jinstemgħu qishom ir-ragħad f'maltempata qawwija. Xena tal-biża'!

Imbagħad skiet kbir...iżda malajr seta' jinstema' l-krib tal-feruti u d-djieqa ta' min jinsab fil-waħx minħabba t-telfa li ġarrab. Fis-sigħat bikrin ta' dik l-għodwa għajnejn Ġwanni mtlew bid-dmugħ. Il-konfużjoni kienet taħkem kullimkien. Ġwanni lissen "Ma, Ma!" waqt li beda jċaqlaqha biex tqum. Iżda l-omm ma setgħetx tisma' leħen it-tifel ċkejken tagħha.

Hekk kif il-passi resqu viċin, fost it-twerwir, id-dmugħ u d-djieqa, Ġwanni ħass min jaqbadlu jdejh. Xi ħadd ġie biex isalvah u jieħdu minn hemm.

## Naħseb ftit:

Smajt xi ħadd li kellu esperjenza tixbah lil dik ta' Ġwanni?

Kif kont inġib ruħi kieku salvajt minn dan l-attakk tal-gwerra?

## Nitlob:

Nitolbuk Mulej biex tagħti s-saħħa lil dawk midruba fil-gwerra. Fuq kollox, fi tjubitek Mulej, sawwab l-għerf fuq il-mexxejja tal-pajjiżi biex ifittxu l-paċi permezz tad-djalogu u l-kooperazzjoni. Agħmel li aħna wkoll inkunu bnedmin li nġibu l-paċi fil-ħajja ta' kuljum.

## Kliem ta' dawl:

Lil min hu għażiż għalik tħobbu b'imħabba umana, iżda lill-għadu tista' tħobbu biss b'imħabba divina.

## X'nista' nagħmel:

Irrid inkun twajjeb bil-kliem u bl-għemil ma' kull min niltaqa' miegħu llum.